# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 4 ta' 2021, miżmuma nhar it-13 ta' April 2021, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | | President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | | Viċi President |
| • Abraham Aquilina | Għargħur LC | (online) | Membru |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | (online) | Membru |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | (online) | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieha LC | | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | (online) | Membru |
| • Omar el Arab | Pembroke LC | (online) | Membru Delegat |
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | (online) | Membru |

Membri Skużati:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Raymond Schembri | Dingli LC | | Membru |
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | (online) | Membru |
| • Matthew Chetcuti | Rabat LC | (online) | Member |

Membri Assenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

AĠENDA

1. AĠENDA

4.1Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

4.2Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

4.3Komunikazzjoni tal-President;

4.4Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

4.5Kumunikazjoni

4.6Rapporti;

4.7Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

- 4.7.1 CCTV Tender
- 4.7.2 AED Tender
- 4.7.3 360 and 3D Visual Tours Tender

4.8Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

4.9Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mill-Viċi President Paul Vella. Bdiet fis-18:30hrs. Is-Sur Vella fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjur Peter Sant Manduca kien assenti. Is-Sinjuri Raymond Schembri, Romilda B Zarb, u Matthew Chetcuti kienu skużati minħabba laqghat tal-Kunsilli rispettivi.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 3 ta' 2021 ittieħdu bħala moqrija. Abraham Aquilina ippropona li jkunu approvati. John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Punti Mqajjma:

Daryl Connor staqsa dwar ic-CCTV tender. Is-SE spjega li t-tender kien ingħalaq u mogħti fl-aħħar laqgħa u kien beda l-proċess biex jibda x-xogħol. Spjega li kien iltaqa maż-żewġ kuntratturi u għaddielhom id-dettalji tal-Kunsilli. Issa l-kuntratturi ser jitkellmu u jżuru il-Kunsilli.

Il-President Anton Mifsud wasal fis-18:40hrs u kompla l-laqgħa.

## Komunikazzjoni mil-President

Il-President semma' li s-Sinjura Anne-Marie Muscat Fenech Adami talbet biex ikun diskuss Dog Park ġewwa Baħar ic-Cagħaq fil-konfini tan-Naxxar. Talab lis-sinjura Muscat Fenech Adami biex tispjega iktar il-proposta tagħha.

Il-proposta hija li art f'Baħar iċ-Ċagħaq tkun mibdula f'Dog Park. Is-SE spjega li għal-din is-sena ir-Reġjun m' għandux fondi x'jalloka minħabba li dawn kienu allokati fil-Budget 2021. Spjega wkoll li l-Gvern għandu fondi għal dawn il-proġetti amministrati mill-Animal Welfare Department u wieħed għandu jara kif jistgħu jintrebħu dawn il-fondi.

## - Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Abraham Aquilina staqsa rigward l-applikazzjonijiet tal-esperti, fosthom tal-EU officer. Is-SE spjega li dawn kienu f'idejn l-SPI, u s'issa għad ma'hemmx informazzjoni iktar fuqhom.

Green (agriculture) waste collection tender. Il-President talab lill-membri jaraw jekk il-Kunsilli rispettivi tagħhom humiex interessati jidħlu għal tender konġunt għall-ġbir ta' skart tal-ġonna. Spjega li la darba nkunu nafu x'interess hemm, isir sotto kumitat bejn dawk il-Kunsilli nteressati.

## – Komunikazzjoni

Is-SE informa lill-membri li bgħat ittra lill-Ministru Aaron Farrugia jitolbu laqgħa rigward il-proposta tar-Reġjun biex jagħmel kompost mill-iskart organiku.

## – Rapporti

.

## – Affarijiet oħra

Tender AED – Is-Segretarju Eżekuttiv ipreżenta r-rapport tal-bord tal-għażla fuq it-tender tal-AEDs. John Buttigieg ippropona li r-rapport ikun approvat. Christianne Mifsud issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Tender 360 virtual tours – is-SE ippreżenta r-rapport tal-Bord tal-Għażla għat-tender tal-Virtual Tours. Christianne Mifsud ipproponiet li r-rapport ikun approvat. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 136 kienet preżentata. John Buttigieg ippropona li tkun approvata. Paul Vella issekonda. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fid-tmienja ta' filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 11 ta' Mejju 2021, fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Minħabba l-azzjonijiet industrijali, is-Segretarju Eżekuttiv ma sejjaħx il-laqgħa għal-11 ta' Mejju. Din issejħet hekk kif l-azzjonijiet industrijali kienu sospiżi u l-laqgha ssejħet għall-Ġimgħa 21 ta' Mejju 2021.

__________________________ ______________________________

| | |
|---|---|
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |
| Approvati llum 21 ta' Mejju 2021 | |